# Ġorġjon

Ghadd 27 - 1985



# 140 SENA

# *L-Istatwa l-Ġdida tar-Redentur*



Nhar is-Sibt, 16 ta' Marzu 1985 ġiet imbierka fix-Xewkija l-Istatwa Devota tar-Redentur. Il-funzjoni tat-Tberik saret ħdejn il-museum tas-subien, Ħamsien Street wara saret Via Sagra li għalija attendiet ix-Xewkija kollha. Il-Banda Prekursur akkumpanjat l-Istatwa sal-Knisja b'marċi funebri.

Wara saret konċelebrazzjoni fil-Knisja.

Din l-istatwa artistika tar-Redentur inħadmet Malta mill-istatwarju Għawdxi, is-Sur Alfred Camilleri Cauchi.

Ta' kull sena se ssir pellegrinaġġ Penitenzjali bl-Istatwa tar-Redentur matul ir-Randan.



# IL-KELMA TA' L-ARĊIPRIET

**Il-Papa Ġwanni Pawlu II, nieda s-Sena 1983 bħala:**

- **SENA MQADDSA**
- **SENA TAR-REDENZJONI**
- **SENA TAL-FIDWA**

*Għaliex hi sena Mqaddsa?*
Skond it-Tradizzjoni, Kristu miet fuq il-Kalvarju 1950 sena ilu, Għalhekk din hi sena speċjali.

*X'Inhu l-iskop?*
Il-Papa jwieġeb: "Li nagħtu l-bniedem lil Alla u Alla lil bniedem".
Jiġifieri:

- li l-bniedem jersaq lejn Alla
- u Alla nressquh lejn il-bniedem.

*Għalfejn għandha sservi din is-Sena?*
Is-Sena Mqaddsa għandha tkun
SENA TA' GRAZZJA
Għalina
Għal Pajjiżna
Għad-Dinja
SENA TA' RIKONĊILJAZZJONI
Ninħabbu m'Alla
Ninħabbu bejnietna
**Għeżież ħuti fi Kristu, ejjew nidħlu aktar fil-fond u nifmhu**

- **Kemm iħobbna Kristu**
- **U kemm imissna nħobbuh aħna lil Kristu**

**Is-Sena t-Tajba lil Kulħadd.**
**Arċipriet Carmel Mercieca.**



**Nifirħu lis-Seminarista Eddie Zammit li f'Ġunju li għadda ħa l-MINISTERU TAD-DJAKONAT.**

**Din ir-Rivista qiegħda tiġi mqassma b'xejn mill-Parroċċa tax-Xewkija.**
**Grazzi lil kulħadd ta' kull għajnuna.**

## BORD EDITORJALI 1984

**Editur:** Carmel Attard
**Ass/Editur:** Arċ. Carmel Mercieca
**Advertising Manager:** Ġużeppi Xuereb
**Membri:** Paul Azzopardi
John Vella
Domenic Apap
**Stampat:** A & M Printing Ltd. - Tel: 553217


## *Messaġġ ta' l-Arċipriet*

### Grazzja Kbira!!

### Għandna l-BIBJA bil-Malti.

Xi grazzja speċjali tana l-Mulej dis-sena
Għandna l-Bibbja bil-Malti
Jalla tkun f'kull familja
Għalhekk għeżież familji nixtieq nagħmlilkom ftit suġġerimenti

**• *IL-BIBBJA HI "IL-KTIEB T'ALLA"***
Għalhekk kif jgħidilna Mons Isqof li naqrawha
**bi spirtu** ta' fidi
**b'rispett** kbir
**b'rieda** tajba u sinċiera
**b'umilta**

*Jannar 1984*

**• *IL-BIBBJA HI TEŻOR***
Minjiera ta' għerf
u mhux għerf ta' bniedem iżda t'Alla nnifsu
Il-ktieb tal-Bibbja tħallihx magħluq
**Iflieħ**
**Qallbu**
**Immarkah**
**Qabbel ħajtek miegħu.**

**• *IL-BIBBJA HI IKLA***
S. Ambrog jgħid li diversi kotba ta' l-Iskrittura qishom 'diversi platti' li Alla jgħatina biex imantnina.
L-Isqof jgħidilna 'Il-Bibbja fiha Ikel bnin, li teħtieġ ir-ruħ biex tgħix il-ħajja tal-grazzja'
Niftakru dak li jgħidilna Kristu "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla".

***Din ir-Rivista qiegħda tiġi mqassma b'xejn mill-Parroċċa tax-Xewkija.***
**GRAZZI LILL KULĦADD TA' KULL GĦAJNUNA.**

## IL-BANDIERA L-ĠDIDA TAGĦNA tal-Banda 'Prekursur' 1985

Il-Bandiera l-ġdida tagħna
Għandna ġiet minn ħbieb Xewkin-
Li qegħdin ġewwa l-Amerka;
Ta' dan aħna wisq kburin.

Dil-Bandiera se tiżżanżan-
Nhar il-Festa ta' San Ġwann
Il-Maħbub Għammied ta' Kristu. . .
Il-Patrun tagħna setgħan!

Perper ja Bandiera sbejħa,
Perper fuq bejt il-Każin;
Waqt li l-Banda b'daqq ferrieħi -
Tagħmel lilna wisq ħenjin!

Miegħek aħna b'ġieħ nitħaddnu,
Lilek ngħollu kullimkien;
Kulħadd jifraħ bik, jitgħaxxaq-
F'għaqda t'aħwa lkoll flimkien.

Bis-Salib u bit-Trumbetta-
U b'Kuruna rand iddur. . .
Fik Bandiera ġġib l-emblema-
L-Banda tagħna l-Prekursur.

Sliem: Bandiera għażiża tagħna-
Bil-lewn tiegħek aħmar skur;
Mgħannqa miegħek. . . flimkien ngħajtu:
"VIVA L-BANDA PREKURSUR"!!!

***Wenzu Camilleri***



**FAĊĊATA**

L-Istatwa ta' San Ġwann Battista, monument kolossali, tħares lejha, issaħħrek bil-ġmiel tagħha. Is-sura tal-Prekursur nofsha mistura f'ġild il-ġemel, bil-ħaruf t'Alla ħdejn riġlejha u b'dik l-id mgħollija 'l fuq iġġagħlek tistenna l-kelma sħiħa li darba dwiet taqta' daqs l-azzar misnun fil-kuxjenza tad-diżonest Erodi. Mela kellu għaliex jifraħ il-poplu tax-Xewkija għad-dehra ta' l-istatwa tassew artistika u devota!

(Mill-Ktieb 'Ix-Xewkija fil-Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċipreti tagħha ta' Patri Serafin Borg OSA.



## BDIEWA, GARDINARA, DILETTANTI

Ghar-raba jew ghall-gnien tieghek jinhtieglek iz-zerriegha. Ghaldaqstant kun ghaqli w ixtri z-zerriegha tieghek minghand neguzjanti li tista' tafda fihom.

### Mela, aqdi l-bzonnijiet tieghek

*Minghand*

# MALSEEDS LTD.

VILLA CHELSEA
16, Old Church Street, Birkirkara.

TEL:42335

Issibilhom ukoll ghodda tal-gonna, medicini kontra l-bebbux, imqassijiet, srieraq u mwies taz-zabra. Insetticidi, u medicini ghall-mard ta' l-ucuh tar-raba'. Issibu wkoll mistura biex teqred il-haxix hazin minghajr ma taghmel hsara l-hamrija, u tista' tintuza qalb is-sigar tal-frott.

Hin tax-xoghol:
8.00 a.m. sa 12.00 a.m.
1.30 a.m. sal 5.00 p.m.



# Paramount garage

GENERAL HIRE SERVICE

MALTA'S LARGEST BUS HIRE FLEET
MOSTA TEL:41193 43296

# Ir-Reġistri tal-Magħmudija tax-Xewkija. *(3)*



# IT-TWELIDIJIET FL-AĦĦAR MITT SENA (1880 - 1980)

*Kitba ta'* **Rev Dr Joseph Bezzina**
*imsejsa fuq tfittix magħmul*
*mis-Seminaristi*
*Eddie Zammit, Manwel Bonello u*
*Michael Xuereb*

Nhar is-27 ta' Novembru, 1678, l-Isqof ta' Malta u Għawdex Mikiel Molina ħareġ id-Digriet tat-twaqqif tal-Parroċċa tax-Xewkija. Kienet l-ewwel parroċċa barra mir-Rabat imwaqqfa f'Għawdex.

F'dan l-istudju oriġinali li għamilna, li f'din il-ħarġa, bl-għajnuna ta' Alla, qed naslu għat-tmiem tiegħu, flejna fil-qosor ir-rata tat-twelidijiet fix-Xewkija matul is-snin. Fl-ewwel artiklu (ara **Gorġion** 25(1983) paġni 13-15), tkellimt dwar it-tagħrif interessanti li niksbu mill-ewwel żewġ reġistri tal-magħmudija li jiġbru fihom il-magħmudijiet fis-sekli sbatax u tmintax, iġifieri mill-1678 sal-1800. Fit-tieni studju (ara **Gorġion** 26(1984) paġni 7-9), flejna fit-tul il-magħmudijiet fis-seklu dsatax, li jinsabu reġistrati fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' reġistru tal-parroċċa. Fl-analiżi li għamilna, rajna kif niżlu u telgħu il-magħmudijiet bejn l-1800 u l-1880.

F'dan l-aħħar studju ser niflu mitt sena oħra ta' ħajja parrokkjali, iġifieri bejn is-sena 1880 u s-sena 1980. il-magħmudijiet ta' dan iż-żmien jinsabu miġbura f'sitt reġistri: jibdew fir-Reġistru IV u jibqgħu sejrin sar-Reġistru IX, li beda jintuża nhar l-10 ta' Frar, 1972. Il-mitt sena li ser niflu din id-darba ser inqassmuha f'erba' partijiet, sewwa sew kif għamilna fit-tieni artiklu. Ir-raġuni ta' dan hi spjegata b'mod ċar mill-grafiku li hawn riprodot ma din il-kitba.

### 1880 - 1900: Rata Stabbli

Ir-rata tat-twelidijiet fix-Xewkija fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax kienet waħda verament stabbli. Medja ta' 61-il twelid fis-sena bejn l-1880 u l-1890 li żiedet biss għal 26 fl-aħħar għaxar snin tas-seklu.

Dak iż-żmien l-Ingliżi kienu ilhom Malta u Għawdex għal tmenin sena sħaħ. Minħabba d-diversi xogħlijiet pubbliċi li kienu ħolqu f'Għawdex, numru mhux ħażin ta' familji kellhom dħul fiss għax il-missier beda jsib xogħol mal-gvern. Ċertament ħajja bil-wisq iktar stabbli minn dik ta' bidwi jew sajjied li d-dħul tiegħu jiddependi minn tant ħwejjeġ oħra.

Iżda anke dawn dik il-ħabta kienu jgawdu bil-preżenza tal-Ingliżi. minħabba l-inkwiet ta' dik il-ħabta bejn Malta u r-Russja u iktar tard minħabba il-ġlied fl-Eġittu, f'Malta u anke f'Għawdex kienu jinġabu iktar suldati u baħrin għal li jista' jinqala'. U allura kemm il-prodott tal-bidwi kif ukoll il-qabdiet tal-ħut kienu jġibu iktar flus.

L-iktar minħabba dan għandna rata stabbli tat-twelidijiet sal-aħħar tas-seklu dsatax.

### 1901 - 1921: Qabża' u Waqa'

In-numru tat-twelidijiet fix-Xewkija jibda jiżdied mal-bidu tas-seklu għoxrin. Minn medja ta' 62 fl-aħħar tas-seklu, ir-rata taqbeż għal medja ta' 81 bejn l-1911 u l-1914, is-sena li fiha bdiet il-gwerra l-kbira. Min dik is-sena ir-rata tat-twelidijiet terġa taqa'.

Fil-bidu tas-seklu kien hawn kriżi kummerċjali kbira. Iżda din għal bidu ma nħasitx fostna. L-Amiraljat Ingliż kien qatagħha li jibni l-'breakwater' tal-Port il-Kbir. Tant kien hawn xogħol li sa kellhom jiġu mportati l-ħaddiema minn Spanja u Sqallija. Ħafna Għawdxin, fosthom numru kbir ta' Xewkin, ħadmu fil-proġett hawn Għawdex stess billi kienu igħinu fil-qtugħ u l-ġarr tal-blat tal-qawwi minn Ħondoq ir-Rummien.

Milli jidher, numru mhux ħażin ta' Xewkin li kienu

# TRITONS
## BAR
## &
## RESTAURANT



*The place where people meet for drinks and parties.*



***Rabat Road, Marsalforn, Gozo.***
***Tel: 556152***



# FIDA

## *Għalf Bilanċjat*

## *Għall-Annimali*

## *Tel: 621694*



jgħammru Malta u saħansitra barra ġew lura art twelidhom. Allura n-numru tat-twelidijiet qabeż f'daqqa. U, għall-istess raġunijiet, reġa' beda jonqas minħabba n-nuqqas ta' xogħol. Il-qagħda baqgħet teħżien sal-bidu tas-snin għoxrin.

### 1922 - 1945: Żieda Fenomenali!

Fl-1921 Malta ngħatat Gvern rappreżentattiv.j Il-qagħda ekonomika lokali u Ewropea ma tantx kienet tajba. Il-livel tal-għijxien kien jonqos minn ġimgħa għall-oħra u l-faqar dejjem jiżdied. Iżda żdiedu t-twelidijiet. Raġuni ewlenija f'din iż-żieda, meta wieħed jistenna bil-maqlub, kien il-fatt li l-emigrazzjoni naqset drastikament. Kien inutli li ssiefer għax anki barra naqas ix-xogħol.
Il-qagħda bdiet titjieb xi ftit f'nofs is-snin tletin. U fl-aħħar fl-1939 faqqgħet it-Tieni Gwerra Mondjali. Għawdex kien invadut mir-rifuġjati. Xejn inqas ix-Xewkija. u n-numru ta' twelidijiet spara għal medja ta' 128 fis-sena fl-ewwel ħames snin tas-snin erbgħin.

### 1945 - 1980: Bdiet in-Niżla

Il-Gwerra ġabet bidla radikali fil-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Kien fl-aħħar beda wkoll għal dawn il-gżejjer 'l hekk imsejħa era moderna. Minkejja l-iżvillupp ta' wara l-gwerra, ir-rata ta' twelidijiet fix-Xewkija bdiet in-niżla. L-ewwelnett għax ix-Xewkin li kienu hawn Għawdex għal gwerra reġgħu marru Malta. It-tieni anke fostna tnisslet l-ideja ta' familji aktar żgħar. U r-rata tat-twelid bdiet niżla.. niżla. Minn 128 fis-sena fin-nofs tas-snin erbgħin. . . għal 80 fis-sena fl-aħħar tas-snin ħamsin. . . għal, inqas minn nofs, iġifieri għal 35 biss fis-sena lejn l-aħħar tas-snin sebgħin.
Nittama li ma tibqax nieżla iktar għax ma nafx x'jiġri mix-Xewkija!

### L-ismijiet

Ismijiet ma tantx komuni li ltqajna magħhom kienu: **Mosè** (13 Settembru 1886) u **Genoveffa** (7 Frar 1943). Minħabba l-qima tax-Xewkin lejn Santa **Teodora,** isimha kien komuni ħafna fost it-tfal bniet sal-bidu tas-seklu. Tiltaqa' miegħu 'l hawn u 'l hemm das-snin sittin. Imbagħad jispiċċa.
L-isem **Raymond** (għal San Rajmondu patrun tan-nisa fit-tqala) jibda jidher f'nofs is-snin ħamsin. Bejn l-1959 u l-1961 hemm 7 subien imsejħa hekk.
L-isem l-iktar komuni, mhux biss fix-Xewkija iżda f'Għawdex kollu, hu **Marija.** Mil-bidu ta' das-seklu, l-iktar popolari fost is-subien hu **Ġanni** (x'tistenna!) u warajh jiġi **Ġużepp.**
Daż-żmien ix-xewkin għandhom taħlita sħiħa ta' ismijiet. U **Ġwanni** u **Marija** imsieken, intesew fuq l-ixkaffa. Ħaġa li forsi anqas ix-Xewkin ma jafuha hi li bejn l-1979 u 1981, familja WAĦDA biss semmiet **John!** Lil dan John li wasal biex jagħlaq ħames snin, nifirħulu.

### Egħluq

U fuq din-nota ferrieħa nixtieq nagħlaq dan l-istudju qasir tiegħi fuq il-magħmudijiet tax-Xewkin. J'Alla li 'l quddiem din l-investigazzjoni qasira li għamilt tiġi mirquma aħjar u mdaħħla fi ktieb fuq l-istorja tax-Xewkija.


***• Jekk int interessat fl-istorja tax-XEWKIJA***

***• Jekk trid tkun taf fuq Għawdex fi żmien l-INGLIŻI***

**IXTRI L-KTIEB**
**ta' l-Awtur ta' dan l-Artiklu**
JOSEPH BEZZINA

**RELIGION AND POLITICS**
**IN A**
**CROWN COLONY**
**THE GOZO-MALTA STORY**
**1798 - 1864**

***• Għadu kif ħareġ għal-bejgħ għand il-Ħwienet tal- Kotba***

# IX-XEWKIJA FIS-SENA 1729

## *Il-Qagħda wara l-Ewwel Ħamsin Sena bi Knisja Parrokkjali*



**NEMO ME IMPUNE LACESSIT**

**minn**
**ALEXANDER BONNICI**
**O.F.M. Conv., H.E.D., S.T.L., Ph. E.**

Waħda mill-aħjar viżti pastorali li nsibu fl-Arkivju Arċiveskovili ta' Malta hi dik tas-snin 1728-1729 mill-Isqof ta' Malta u Għawdex Mons. Pawlu Alpheran de Bussan. Hu kellu segretarju tajjeb ħafna għall-viżta; għalhekk, ħarġu ħafna dettalji ta' valur għall-istorja tal-gżejjer tagħna. L-Isqof mar ix-Xewkija t-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 1729. Kien żmien meta x-Xewkija kienet għadha kif bdiet it-tieni ħamsin sena ta' l-istorja tal-parroċċa tagħha. Ftit tagħrif jagħtina idea ċara dwar kif kienet il-parroċċa. Sejrin inħarsu lejn il-Knisja fiha nnifisha, il-qagħda tal-kleru tagħha, il-ħeġġa tal-poplu nisrani u tad-devozzjonijiet tiegħu, u xi ħaġa dwar Fratellanzi u Purċissjonijiet[1].

**Knisja li għadha kif tlestiet**

Fis-sena 1729, fil-ġudizzju ta' l-Isqof, il-Knisja Parrokkjali kienet kbira mhux ħażin. Hi kienet biżżejjed għal popolazzjoni li kienet qed tikber. Hi ma kenitx inbniet kollha kemm hi mill-ewwel. L-għamla tagħha kienet dik ta' salib. Imma, fl-ewwel żmien, ma kienx hemm ħlief in-navata ċentrali. Iż-żewġ dirgħajn tas-salib kienu għadhom kif tlestew.[2] Fil-knisja, kien hemm il-bżonnijiet essenzjali kollha. Minbarra l-artal maġġur, kien hemm artal ieħor fil-kor. Kienu għadhom kif tlestew iż-żewġ artali tas-salib tal-Knisja. Imma kien hemm ukoll tlieta fuq kull naħa fil-korsija tal-knisja. Fit-tul tal-korsija, kien hemm ukoll żewġ konfessinarji għall-qrar tal-fidili Is-Sagrament miżmum dejjem fl-artal maġġur u l-fonti tal-Magħmudija, qrib il-bieb ta' barra, kienu joffru l-kumditajiet meħtieġa għall-amministrazzjoni tas-Sagramenti.[3]

Is-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof kien jiġi amministrat meta jmur l-Isqof għall-Viżta Pastorali. Dak in-nhar tal-viżta, fl-24 ta' Ottubru, 1729, bejn subien u bniet, kien hemm 142 li għamlu l-Griżma.[4]

**Il-Qadim u l-Ġdid**

Kważi kollox sar ġdid għal dik il-parroċċa. Imma kien hemm xi ħaġa li tissejjaħ *"Qadima"*. Imdendel quddiem l-artal maġġur kien hemm lampier tal-bronż bid-dawl jixgħel dejjem. Fis-sena 1729, dan tqies li kien qadim ħafna.[5] Imma l-knisja kienet tolqot iżjed għall-affarijiet ġodda li kienu qed jiżdiedu kontinwament. Kien għadu kif sar il-*kor ta' l-injam* wara l-artal maġġur. Is-sedili tiegħu kienu fissi. Mill-kor, wieħed kien igħaddi għaż- *żewġ sagristiji.* Dawn ukoll kienu ġodda. Sagristija minnhom kienet tiġi fuq il-lemin tal-kor. L-oħra kienet fuq ix-xellug. Din ta' fuq ix-xellug, minbarra l-bieb li jagħti għall-kor, kellha żewġ bibien oħrajn. Wieħed kien jagħti għas-salib tal-Knisja ta' fuq in-naħa tax-xellug. Il-bieb l-ieħor kien jagħti għal barra t-triq.[6]

**Il-Qima lejn San Ġwann Battista**

San Ġwann Battista baqa' dejjem il-Patrun ewlieni tax-Xewkija. Il-festa tiegħu kienet fil-ġurnata liturġika tat-twelid tiegħu: jiġifieri fl-24 ta' Ġunju. Kienet festa ċelebrata bl-ewwel u t-tieni għasar u b'quddiesa kantata. Purċissjoni ma kenitx issir.

Ta' min josserva li l-kwadru titulari tal-knisja kien uri fih . *it-twelid ta' San Ġwann Battista.* Għalhekk, ma hux il-kwadru li nafu bih illum. Il-figura ta' San Ġwann Battista qed igħammed 'il Kristu kienet tidher ukoll mal-fonti tal-Magħmudija.[7]



**Devozzjoni lejn l-Erwieħ**

F'dak li nsejħulu s-salib tal-knisja, kien hemm żewġ artali. Billi s-salib kien għadu kif tlesta, kien hemm xi tibdil fil-pożizzjoni ta' l-artali li kienet reċenti. Fuq in-naħa tal-lemin tal-maġġur, kien għadu kif ittieħed kwadru li, sa ftit qabel, kien fil-korsija tal-knisja. Hu l-kwadru li ssejjaħ tat- *Trinita Qaddisa*. Kienu kwadru u artal li ġibdu lejhom id-devozzjoni tal-poplu. Ir-raġuni hi għaliex il-kwadru kien jiġbor fih ħafna affarijiet f'daqqa waħda. Fin-naħa ta' fuq tal-pittura kien jidher il-misteru tat-Trinità Qaddisa u l-figuri tal-Madonna u ta' San Girgor Papa. Fuq in-naħa ta' isfel, kien hemm l-erwieħ tal-purgatorju. It-talb għall-erwieħ ġieb miegħu li, kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, kienu jesponu fuq dak l-artal 'il Ġesù Sagramentat. Fit-tifkira tal-Mejtin kollha, kien jitkanta l-Uffiċċju Divin tal-Mejtin u titqaddes quddiesa. Fil-ġranet ta' l-Ottava tal-Mejtin, kien isir il-quddies u titkanta biċċa mill-Uffiċċju. Kien isir quddies daqs kemm kienu jingħataw offerti min-naħa tal-poplu.[8]

**L-Ewwel Purċissjoni bi statwa**

Fis-salib tal-Knisja, fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm l-artal tal-*Madonna tar-Rużarju*. Il-kwadru kien juri fih il-Madonna biċ-ċkejken Ġesù fi ħdanha Fuq in-naħa ta' isfel, kien hemm San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Mad-dawra kollha, kien hemm il-figuri tal-Misteri kollha tar-Rużarju.

Dan l-artal kien wieħed mill-iżjed importanti minħabba d-devozzjoni li kien hemm marbuta miegħu. B'rabta miegħu, twaqqfet il- *Fratellanza tar-Rużarju*. Kienet għall-irġiel biss. Wieħed mid-dmirijiet tal-Fratelli kien li, lil dak l-artal, ma jħalluh nieqes minn xejn. Il-Fratellanza kienet tieħu ħsieb torganizza l-*unika purċissjoni bi statwa* li kien hemm ix-Xewkija. Kien hemm statwa tal-Madonna tar-Rużarju, u kienet tinġarr proċessjonalment fl-Ewwel Ħadd ta' Ottubru ta' kull sena. Għal dik l-okkażjoni, kienu jitkantaw l-Ewwel u t-Tieni Għasar u Quddiesa. Il-fratelli kienu jikkumpanjaw bil-konfratija tagħhom. Imma huma kienu jikkumpanjaw ukoll f'purċissjoni ċkejkna li kienet issir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar.[9]

**Fratelli tas-Sagrament: Obbligati jagħmlu l-Ġid**

Fratellanza oħra kienet qed tkun ta' ġieh għar-raħal ċkejken tax-Xewkija. Din hi l- *Fratellanza tas-Sagrament* li, naturalment, ir-rabta tagħha kienet ma' l-artal maġġur fejn kien hemm it-tabernaklu bis-sagrament. Fi ħsieb il-Fratellanza, kien hemm l-istess artal maġġur. Din ukoll kienet fratellanza għall-irġiel biss. Huma kellhom f'idejhom l-organizzazjoni tal-festa li aħna nsejħulha ta' *Korpus*. Kienet issir purċissjoni solenni fit-toroq tar-raħal b'Ġesù Sagramentat. Il-ġurnata tagħha kienet il-Ħadd fost l-Ottava tal-festa liturġika ta' l-Ewkaristija. Huma kienu jieħdu sehem, lebsin il-Konfratija, mhux biss f'dik il-purċissjoni, imma wkoll fl-oħrajn ċkejknin li kienu jsiru fit-Tielet Ħadd ta' kull xahar. Dan kien komuni jissejjaħ il- *Ħadd tat-Terza*.

Jekk aħna nitfgħu ħarsitna fuq l-istatuti ta' din il-Fratellanza, nintebħu kemm kien kbir il-valur tagħhom fil-ħajja pastorali tal-parroċċa. Ma kenux hemm biex jikkumpanjaw fil-purċissjonijiet biss, kif saru kważi kullimkien meta wasal żmien id-dekadenza tagħhom. Fratell tas-Sagrament ma kienx jistħoqqlu dak l-isem jekk hu, tul il-ħajja tiegħu, ma kienx qed jagħmel il-ħila tiegħu kollha biex jagħmel xi opri li jkunu ta' ġid għal xi persuna fil-bżonn.[10]

**Daqqa t'Għajn lejn il-Korsija**

Fuq in-naħa tal-lemin kien hemm tliet artali. L-eqreb lejn il-Maġġur kien dak tal-*Kurċifiss*, li l-festa tiegħu kienet fit-3 ta' Mejju. Maġenbu, kien hemm dak tal-*Lunzjata* bi kwadru li jiffigura l-misteru tat-tħabbira ta' l-anġlu. L-ieħor, kien ta *San Mikiel*. Il-festi ta' dawn it-tnejn kienu fil-ġurnata liturġika. 25 ta' Marzu u 29 ta' Settembru.[11]

Fuq in-naħa tax-xellug, kien hemm tliet artali oħrajn. L-eqreb lejn il-Maġġur kien dak ta' *Sant'Elija*. Imma, billi ma kien hemm l-ebda devozzjoni speċjali, dan kien xi ftit fqir. Maġenbu, kien hemm l-artal ta' *San Ġużepp*. Il-kwadru kien juri fih lill-Verġni Marija b'Ġesù Bambin, flimkien ma' San Ġużepp, qegħdin jaħarbu lejn l-Eġittu, b'anġlu jseħibhom. Il-festa kienet fid-19 ta' Marzu. It-tielet artal kien dak ta' *San Pawl*. Madandollu, għalkemm kien magħruf hekk, il-kwadru fiċ-ċentru tiegħu kien juri lil Marija Immakulata u, in-naħa ta' isfel, 'il San Pawl u 'l Sant'Injazju ta' Loyola. Il-festa kienet fil-10 ta' Frar.[12]

**Il-Kleru tal-Parroċċa**

Dak iż-żmien ix-Xewkija kellha t-tielet kappillan tagħha, li kien *Dun Dumink Habela*. Dan kien qed jikber fiż-żmien għax kien irċieva n-nomina ta' kappillan tax-Xewkija fit-8 ta' Novembru, 1695. Għalhekk, f'dak iż-żmien, hu kien ilu qrib 34 sena kappillan. Quddiem l-Isqof, il-Kappillan ressaq id-

# TYPEWRITERS

# IMPERIAL – ROYAL – ADLER

Dawn l-ismijiet huma magħrufin mad-dinja kollha għall-prodotti ta' kwalità u resistenza mill-aqwa, bi prezzijiet mill-aktar attrajenti. Agħażel il-mudell addatat għalik mill-portable, għall-użu fid-dar, kif ukoll varjetà ta' mudelli akbar għall-użu fl-uffiċini. Staqsu wkoll għall-dettalji dwar l-Electronic Calculators ta' l-istess isem.

## ROYAL – IMPERIAL – ADLER

*Irrikorru għand l-Aġenti:* Index Ltd.

31, Fredrick Street, Valletta. Tel: 625846, 607094

240, Republic Street, Valletta. Tel: 22060

kif ukoll TWINLOCK INTERNATIONAL

132, Archbishop Street, Valletta (viċin il-Knisja tal-Griegi)






**EJJA ARANA — NIEHDU GOST INSERVUK**

## CILIA PRODUCTS LTD.

| | |
|---|---|
| **Factory:** | **Shop:** |
| 71, St. Thomas Str., | 203, High Str., |
| Ħamrun | Ħamrun |
| Tel: 22694/ | Tel. 22721 |

Issibu reċipjenti u l-ingredjenti kollha meħtieġa biex tagħmlu kejkijiet, pasti, ġelati u ħelu ieħor. Hwawar għal kull xorta ta' ikel, kif ukoll assortiment kbir ta' nuptial souvenirs u cake decorations għall-magħmudijiet, preċetti, birthdays, engagements, tiġijiet, anniversarji, eċċ., eċċ.

dokumenti ta' l-ordinazzjoni u tal-ħatra tiegħu. Hu ressaq ukoll ir-reġistri tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet, Mejtin, tal-Griżma ta' l-Isqof u ta' *Status Animarum.*

Il-kappillan ma tantx kellu min igħinu. Hu kellu żewġ qassisin biss. Dawn kienu *Dun Mikilanġ Vassallo,* u *Dun Patist Busuttil;* imma dan ta' l-aħħar, għalkemm iżgħar sewwa mill-kappillan, kien marid. Kien hemm ukoll *Mikilanġ Pilestri,* li kien ħa l-ordnijiet minuri kollha, u għalhekk jissejjaħ *"Akkoltu";* dan kien għad jonqsu xi żmien biex isir qassis. Ħafna mix-xogħolijiet materjali tal-parroċċa kienu jsiru minn *Ġużeppi Teuma,* li kien is-sagristan.[13]

Kollox juri li, wara ħamsin sena, il-parroċċa tax-Xewkija kienet imxiet sewwa 'l quddiem. L-opri fil-knisja u l-ħeġġa tal-fratellanzi flimkien mad-devozzjonijiet tal-poplu juru stat ta' parroċċa li kellha poplu twajjeb li kien qed jagħmel ħiltu biex igħix twemminu.

**NOTI**

[1] Għall Viżta kollha fil-parroċċa tax-Xewkija, ara AAM, **Visit. Past.,** 32 (1728-1729), ff. 656r-663v.
[2] **Ib.**, f.660v.
[3] **Ib.**,ff.657r-660r
[4] **Ib.**,f.657r.
[5] **Ib.**
[6] **Ib.**f.660r.
[7] **Ib.**,ff.656v-657v.
[8] **Ib.**ff.657v-658r.
[9] **Ib.**,f.658v.
[10] **Ib.**,f.657r.
[11] **Ib.**,f.658r-v.
[12] **Ib.**,f.659r-v.
[13] **Ib.**,ff.660v-661v. Għal xi tagħrif dwar iż-żmien tal-Kappillan Habela, ara Serafin Borg, **Ix-Xewkija fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti tagħha,** 1978,pp.8-10.

## *NIFIRĦU. . .*

***• Il-Poplu tax-Xewkija jifraħ mal-familja Xuereb li waħda minn fost uliedha ggradwat bħala Tabiba fi Frar li għadda.***
***Drs. Mariosa Xuereb kienet pjanista fil-Kor "Vox Clamantis" u membru attiva ħafna bħala Leġġjunarja ta' Marija fil-Parroċċa.***
***Aħna minn qalbna nixtiequlha kull suċċess fil-karriera tagħha.***


# VENTURA GARAGE

# *FOR BEST SERVICE*

## *TEL: 573318*




# F'ELGĦUQ IL-140 SENA MILL-MIĠJA TA' L-ISTATWA ARTISTIKA TA' SAN ĠWANN BATTISTA FIX-XEWKIJA

## 1845 - 22 ta' Ġunju 1985

Statwa ħelwa, sabiħa u għażiża
ta' San Ġwann il-Patrun tax-Xewkin;
lejjem ġdida w issaħħar bi ġmielek;
għalkemm jgħaddu minn fuqek is-snin!

Kienet sena ta' ferħ għax-Xewkija
l-elf tmien mija u ħamsa u erbgħin,
meta laqgħek ġo daru l-Ġens Xewki
kbar u żgħar bik sfaw mgħaxxqa u kburin.

Id l-artist Pietru Pawl Azzopardi
li sawritek. . . ħadmitek b'deh'n kbir -
wara s-Sema, li kollox minnu
tassew ħaqqhu kull ħajr u tifħir.

Wiċċek: xemx illi titfi kull dija,
kull sbuħija tad-dinja ddub ħdejk
għaliex ġmielek hu ħiereġ mis-sema
xhud ta' dan hija l-kisra t'għajnejk.

B'Salib f'idek: int lilna tfakkarna
sabiex bħalek niċċaħdu kull ħin
billi f'kollox immieru lil qalbna
din hi t-triq ta' l-erwieħ qaddisin!

Bil-werrej tal-lemin, Int turina -
fejn hu Kristu: l-Messija. . . l-Hellies,
kliem biss jonqsok, għax qisu dak fommok -
għadu jgħallem u jwiddeb lin-nies.

Int il-Faqar nisrani tgħallimna
b'dawk riġlejk mingħajr xedd. . . hekk ħafjin
dik ir-rażna li tixhed xbihatek
lilna ssuqna biex ngħixu tajbin.

Statwa artistika, mill-aktar devota
kemm nies rajthom f'riġlejk mixħutin
jitolbuk li tindaħal għalihom
quddiem Kristu l-Ħaruf divin.

F'dan tfakkarna l-ħarufa ċkejkna -
kollox bjuda w imqiegħed f'riġlejk:
Fit-taqbida tas-safa ta ruħna
Nixbħu lilek u nħarsu fis lejk

Fil-Milied ta' l-Għammiedi kull sena
mat-triqat ewlenin, noħorġuk. . .
ta raħalna, bil-ġieħ u bil-qima
F'purċissjoni ferrieħa ndawruk.

Statwa sbejħa: min daqshekk jgħidilna
kemm nies rajt f'din il-medda ta snin -
iċapċpulek u jgħajtu madwarek:
"Viva Ġwanni l-Patrun tax-Xewkin!"

U quddiemek, barra, tkabbar il-Festa -
timxi l-Banda ta' wlied ix-Xewkin. . .
bl-innijiet u bil-marċi ferrieħa -
iddoqq. . . thenni lill-kbar u ċ-ċkejknin

Din il-Banda mill-ewwel sfat mgħammda
bl-isem kbir. . . wisq għażiż u sabiħ:
"Prekursur" għal San Ġwann il-Għammiedi,
Bih hi imkabbra w iġġibu bil-ġieħ!

Is-Sliem: Statwa ta' Ġwanni l-Battista:
Inti sraqt il-qlub tagħna x-Xewkin -
dejjem ġdida, sabiħa w żgħażugħa,
għalkemm inti mgħobbija bis-snin!

***Anton Haber***
*29 - 8 - 84*
*(President Onorarju tal-Banda Prekursur)*

# 140 SENA

## L-ISTATWA TA' SAN ĠWANN BATTISTA (1885 - 1985)



Insibu fil-Vanġelu ta San Luqa li meta l-Arkanġlu San Gabriel kien mibgħut minn Alla għand is-Saċerdot Zakkarija biex iħabbarlu t-Twelid mirakuluż ta ibnu, Ġwanni, fost ħwejjeġ oħra qallu; "Ħafna huma dawk li jifirħu bit- twelid tiegħu"

Dan il-ferħ li ħabbar l-Arkanġlu nħossu li l-poplu tax-Xewkija ħassu dejjem mal-medda taż-żmien. Sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, fejn qabel kien hemm maqdes megalitiku, l-ewwel Xewkin "semgħu, emmnu u ħarsu t-tagħlim Nisrani."

Flok dan il-maqdes li l-antiki missirijietna waqfu fi pjanura kollha Xewk (għalhekk l-isem tax-Xewkija) ġie imtella maż-żmien maqdes ieħor iddedikat lil San Ġwann Battista. Kemm il-darba ġie imkabbar skond il-ħtieġa tal-popolazzjoni sakemm fis-27 ta' Novembru 1678 l-Isqof M.G. Molina waqqafha l-ewwel Raħal-Parroċċa ta' Għawdex, billi firidha mill-Matriċi, illum il-katidral.

### IL-WASLA TA' L-ISTATWA

Is-sitt Kappillan, Dun Nikol Vella, imwieled l-Għarb Għawdex (1765-1850) ħabbrek biex jagħmel statwa ta' San Ġwann Battista, billi kien għad ma hemmx statwa tal-Patrun tar-Raħal. Ix-xewqa tiegħu ġiet mitmuma meta l-istatwarju Malti Pawlu Azzopardi (1751-1875) għaraf joħroġ minn zokk ta' siġra tat-tut l-istatwa ta' San Ġwann il-Battista.

Fit-22 ta' Ġunju 1845, l-istess kappillan ried li issir tranzlazzjoni solenni b'din l-istatwa mill-knisja tal-Madonna tal-Ħniena sal-knisja parrokkjali, wara li l-istatwa inġabet minn Malta fuq dgħajsa. Il-poplu Xewki laqagħha bi ħġaru fost il-ferħ ta' kulħadd. Id-daqq tal-qniepen u l-ħsejjes tal-maskli ma kienux neqsien. Il-muskaterija kienet mill-aqwa. Fjakkli kullimkien.

Fis-sena 1889 nħaddmu il-pedistal u l-bradella minn Pawlu Bugeja. Fl-4 ta' Ġunju 1943, l-istatwa ġiet miżbugħa mill-Pittur G. Briffa. Fis-sena 1949 ġew mżanżna erba' važuni tal-fidda mastizz f'għamla ta' kannestrini għal madwar l-istatwa, xogħol ta' l-artista fiċ-cisell, is-Sur G. Pace Fernand fuq disinn u direzzjoni tal-Kav. Lorenzo Zammit Haber. Fil-21 ta' Ġunju 1961, ġiet imżanżna dijadema tad-deheb, xogħol l-induratur Pirotta tan-Naxxar Malta.

### L-EWWEL ĊENTINARJU

Fis-sena 1945 ħabat l-ewwel ċentinarju tal-wasla ta' l-istatwa fir-raħal tagħna. Ħafna minna jiftakkru l-festi kbar li saru wara xhur ta' preparazzjoni. L-isqof ta' Għawdex, Mons G. Pace, iċċelebra quddiesa Pontifikali u fl-għaxija mexxa hu stess il-purċissjoni. Erba' baned ħadu sehem; "La Vallette" li kienet mistiedna minn lejliet il-festa, il-Banda "San Ġiljan", "La Stella", u "Leone".

Fis-sena 1985, ix-Xewkija ser tiċċelebra għeluq il-140 sena mill-miġja ta' din l-istatwa fostna. Hemm ħsieb li jsiru festi kbar kemm fil-knisja u kemm fix-Xewkija kollha. Diġa saret "mini missjoni" biex ınitħejjew spiritwalment għal din l-okkażjoni. Permezz ta' dawn il-festi, irridu nifhmu aħjar il-kelmiet tal-Battista meta qal "Dan hu il-ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja".

Qed jitħejja programm ta' attivitajiet kbar għall-festi nterni u esterni lij jdumu tmint ijiem. Ser jitlestew il-konfessjonarji moderni, u l-erba bibien tal-kewba li jieħdu għall-Mużew ta' l-Iskultura u għas-sagrestija. X'bihsiebna nagħmlu iżjed il-quddiem biex insebbħu r-Rotunda? Issa li l-Knisja hija kważi lesta minn ġewwa, ser nippjanaw għall-1985, meta l-istatwa tagħlaq 140 sena fostna? Ma tkunx ħaġa xierqa li nżejnu l-knisja minn barra, billi jittgħellu ż-żewġ kampnari fuq wara u l-koppla fuq quddiem? Kuraġġ! Aħna żguri li bil-għajnuna t'Alla u bl-interċessjoni ta' San Ġwann Battista kollox isir.

*Viva San Ġwann Battista*

**Joseph Xuereb**



# HARSA MADWARNA

Tagħrif miġbur minn John Vella u Paul Azzopardi dwar l-attivitajiet prinċipali li għaddew minnhom l-Għaqdiet tax-Xewkija matul is-sena 1984

## PARROCCA

# OPRI ĠODDA FIR-ROTUNDA TAX-XEWKIJA

*Matul is-sena li għaddiet komplejna fix-xogħol u saru bosta opri ġodda u sbieħ;*

### DEHRA ĠDIDA LIĊ-ĊIMITERJU

Bil-ħidma ta' rġiel voluntieri sar ħafna xogħol ta' tiswija u tikħil. Nirringrazzjawhom ħafna.
Imbagħad ġiet imkaħħla wkoll il-kappella minn barra u minn ġewwa. Hekk iċ-ċimiterju tagħna li xi snin ilu kien ġie mkabbar, issa ġie irrestawrat.
Dan hu wkoll, parti mir-rispett tagħna lejn ħutna mejtin

### L-ISTATWA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Wara tant żmien, anke l-istatwi tal-ġimgħa l-Kbira kellhom bżonn li jiġu irrestwarati.
Matul din is-sena ġew irrestawrati
a) San Ġwann l-Evanġelista, il-Madalena, il-Veronika u Kristu fl-Ort.
b) Saru wkoll l-Istands tal-Bandalori
c) Il-quddiem wkoll irridu naħsbu għall-istatwi li baqa

### IS-SEPULKRU

Il-Kumment tal-eluf ta' nies li fil-Ħamis ix-Xirka jiġu jżuru u jagħmlu s-seba Visti huwa dan "Tassew Sepolkru sabiħ u devot.
Il-post ċentrali tiegħu u d-dehra tiegħu joħolqu tassew devozzjoni.
Din is-sena ġie mżanżan id-damask tal-Kolonni tas-sepolkru.

### ARTIFICIAL FLOWER ARRANGEMENT

"Il-Knisja qisha ġenna". Hekk qal wieħed Malti li daħal fil-Knisja għall-festa ta' San Ġwann ta' din is-sena. Minn barra il-flower arrangement sabiħ li kull sena qed ikollna bil-fjuri naturali, din is-sena wkoll iżżanżnu artificial flower arrangement mal-Kolonni prinċipali. Tassew taw dehra sabiha lill-kumpless kollu tal-Knisja.

### ANTIPORTA

Din is-sena wkoll tlestiet l-antiporta l-oħra tal-Aluminium mill-Gozo Aluminium

**L-OPRA TA' L-IRĦAM ISSA TĦALLSET KOLLHA:** Deo Gratias.

### KTIEB BL-INGLIŻ

Is-sena ġie stampat Ktieb bl-Ingliż għat-turisti li jiġu iżuru il-Famuża Rotunda tagħna. Dan il-ktieb li jismu "THE ROTUNDA MONUMENTAL CHURCH OF XEWKIJA" ġie miktub mis-Sur Giuseppi Xuereb u ddisinjat mis-Sur Carmel Attard.
Dan il-ktieb barra li huwa nteressanti ħafna għaliex fih ħafna tagħrif fuq il-Knisja, huwa gwida għat-turisti li ta' kull jum jiġu jżuruna. Huwa apprezzat ħafna għaliex fih ċerti dettalji sbieħ u nteressanti.


*for WORLDWIDE TRAVEL including SICILY TOURS & SEA TICKETS. and GENERAL INSURANCE*

*ask at:*

**INTRA**



**SERVICES**

Insurance - Travel - Real Estate

Republic Street, Victoria, Gozo.

**TEL: 551779**



## SARU JIFFURMAW PARTI MILL-KNISJA TA' KRISTU

Kylie Buttigieg, Marlon Buttigieg, Marpin Azzopardi, Ritianne Azzopardi, Jezabel Apap, Edwin Vella, Franco Buttigieg, Joanne Buttigieg, Alan Asciak, Daniel Xuereb, Stefan Buttigieg, Austin Xerri, Noel Mizzi, Jonathan Vella, George Gatt, Anna-Marie Cilia, Grace-Anne Buttigieg, Francesco-Raniero Grima, Pauline Xuereb, Alison Spiteri, Diane Bonnici, Jan Farrugia, Florian Farrugia, Donald Attard, Glorianne Spiteri, Johnny Galea, Sammy Spiteri, Carmen Attard, Carmen Hili, Joseph Grech, Joseph Saliba, Carmel Azzopardi, Vitorin Grech, Philip Azzopardi, Brian Portelli, Diane Azzopardi, Franco Attard, Carrie Hili, Jonathon Pace, Charlene Haber, Bernardette Attard.



## HALLEW DAN IL-WIED TAD-DMUGĦ

Joseph Zammit, Peter Paul Xuereb, John Vella, Joseph Saliba, Angela Attard, Carmela Azzopardi, Frances Attard, John Farrugia, M'Anne Farrugia, Wilfred Le Prevost, Wenzu Attard, Toni Zammit, Mary Farrugia, Sac. Dun Lucjan Debono, Emanuel Zammit, Angelo Pace, Carmel Attard, Dora Saliba, Carmela Cassar, John Theuma, Joseph Camilleri, Rosanna Debrincat, Joseph Attard, Kelina Haber, Emanuel Cauchi, Katerina Xuereb, John Spiteri, Francesca Haber, John Azzopardi, Marija Attard, Rosanna Gauci, John Saliba, Carmel Spiteri, Joseph Xuereb, Emanuel Galea, Dora Vassallo, Carmela Caruana, Carmela Zerafa, Marija Attard, Rita Azzopardi.

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

Carmel Mampalao - M'Grace Farrugia
Michael Grech - Agnese Zerafa
John Azzopardi - Josephine Bugeja
Vincent Magrin - M'Dolores Portelli
George Cassar - Mary Vella
Martin Galea - Josephine Agius
Lawrence Bonnici - M'Elizabeth Xuereb
Carmel Hili - Tonina Portelli
Richard Zammit - Jane Xuereb
Alfred Portelli - M'Rose Rapa



Joseph Micallef - M'Anne Azzopardi
Anthony Cefai - Josephine Bonnici
Benigno Gatt - M'Dolores Xerri
Joseph Mercieca - M'Anne Saliba
Joseph Apap - Josephine Attard
Carmel Borg - M'Dolores Xuereb
Carmel Saliba - Pauline Bajada
M'Angelo Axiak - Rita Borg
Saviour Attard - Frances Hili
George Attard - Rose Vella


# FIRM S. CAMILLERI

General Coffee Dealers

136, 139, 142, St. Nicholas Str.,
Valletta, Malta.
Tel: 24116 - 603449

# Swan
## Bookshop & Stationery



- PHOTOCOPY BUREAU AT REDUCED PRICES
- IDEAL BOOKS FOR PRESENTS
- STATIONERY
- MAGAZINES
- LOCAL & FOREIGN NEWSPAPERS

***Come and have a look at the big range of books at the SWANBOOKSHOP & STATIONERY,***

**at ORIENTI SHOPPING ARCADE, REPUBLIC STREET, VICTORIA.**

## BANDA 'L-PREKURSUR

***iltiet mir-rapport annwali 1984 li s-egretarju tal-Banda "Il-Prekursur" ppreżenta ta' kull sena lill-Kumitat, 3andisti u Soċi tal-Banda.***

Għas-sena 1985, bi ħsiebna nkomplu nduru xi strumenti qodma li baqgħa. Imma l-għan li għalieh rridu naħdmu lkoll kemm aħna, huwa li nżidu kemm nistgħu BANDISTI ĠODDA, u dawk li għandna jibqgħu jagħtu sehemhom.

Matul din is-sena1984, t-tmexxija tal-Banda kienet f'idejn dan il-Kumitat:

| | |
|---|---|
| President | Dr. John Xuereb |
| Vici President | Is-Sur Ganninu Haber |
| Seg. Ġenerali | Is-Sur Carmel Attard |
| Ass/Seg. Ġenerali | Is-Sur Carmel Hili |
| Kaxxier | Is-Sur Wenzu Camilleri |
| Ass/Kaxxier | Is-Sur John Apap |
| Membri | Is-Sinjuri: Zakkarija Cilia |
| | Emmanuel Portelli |
| | Mario Pace |
| | Salvu Azzopardi |
| | Charlie Vella |
| | Domenic Apap |

Bħala Presidenti Onorarji, ġew kkonfermati:
L-Arċipriet Mons. Carmel Mercieca.
Is-Sur Joseph J. Vella

U fuq proposta ta' C. Attard u ssekondata minn F. Galea, Anton Haber, li huwa patrijott kbir Xewki, l-uniku poeta Xewki magħruf, u ammiratur kbir tal-Banda "Il-PREKURSUR", ġie maħtur President Onorarju.

Bħala delegat fil-Band Clubs Association, reġa ġie kkonfermat is-Sur Joseph P. Borg. Maż-żmien ġie magħżul is-Sur Charles Formosa fuq proposta tas-Sur Borg innifsu.

### SERVIZZI 1984

Matul l-1984 il-Banda tagħna għamlet 35 servizz li huma mqassmin hekk, 12 il-servizz fix-Xewkija u 23 servizz mifruxin kważi m'Għawdex kollu. Ta min jinnota b'ferħ kbir li din is-sena l-Banda 'IL-PREKURSUR', sfat l-unika Banda f'Għawdex li kellha x-xorti li tagħmel Dimostrazzjoni fix-Xewkija bi statwa titulari li nħadmet għal Ħutna emigranti fl-Awstralja. Dan kien nhar il-Ħadd, 18 ta' Marzu.

Għal bidu ta' Ġunju ta' din is-sena,s-soċjeta tagħna intefgħet f'luttu kbir meta tħabbret il-mewt tal-mara tas-Surmast tal-Banda tagħna s-Sinjura Giga Farrugia. Bħala rispett, il-Banda l-PREKURSUR ingħaqdet mal-Banda ST. JOSEPH ta' Għajnsielem biex akkompanjaw b'marċi funebri l-funeral tagħha.

Din is-sena wkoll, il-Banda tagħna ġiet mistiedna biex tieħu sehem fil-festi tal-50 sena tal-Banda Victory tax-Xagħra. Il-Banda 'IL-PREKURSUR' għamlet marċ filgħodu nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru

### Recording tal-Marċi

Ir-recording tal-marċi sar l-erbgħa 13 ta' Ġunju fis-sala Parrokjali. Kienet ħaġa sabieħa li dawn il-marċi ġew mħallsa minn diversi benefatturi tal-Banda.

### Karnival fir-Raħal

Għalkemm kien il-maltemp din l-attivita saret ġewwa fiċ-Ċentru fejn kien hemm ukoll kompetizzjoni għal iktar maskarat oriġinali.

Din is-sena wkoll il-Banda tagħna ħadet sehem fil-festi tal-Karnival, li sar fir-Rabat. Barra l-Banda li daħlet bl-isem 'Ta' Werwer', il-Kumitat ħa ħsieb biex jaħdem karru trijonfali bl-isem ta' 'Merry Go Round'.

### ATTIVITAJIET TAL-BANDA

Wirja ta' l-Għamara

Għal din is-sena, bil-għajnuna tas-Sur Giovan Farrugia u ta' l-avukat Dr. Siegfred Borg Cole l-Kumitat tella wirja ta' l-għamara tad-Ditta Maltija

### MOBILIA PENZA

Din il-wirja kienet suċċess mija fil-mija. Dan jidher mill-attendenza kbira li żaret din il-wirja. Nisperaw li jkollna aktar wirjiet ta' din ix-xorta fil-Każin tagħna.

### Ġita għal-Katania

Din is-sena wkoll ġiet organiżżata għal-ewwel darba mill-Kumitat tal-Banda ġita għal-Sqallija. Din il-ġita kienet suċċess u l-Bandisti li ġew kellhom parti mill-ħlas issussidjat mis-soċjeta.

### Il-Bar B.Q.

Il-Bar B.Q. ma kienetx biss għal Bandisti u n-nisa tagħhom imma kienet miftuħa għal kulħadd. Din is-saret fil-bajja sabieħa ta' Mgarr ix-Xini fid-29 ta' Awissu fl-okkażjoni tal-festa tal-Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista. Għal din l-attivita attendew ħafna nies fejn ġew imferħa bl-għana Malti.

### Ikla lill-Bandisti

Bħal fis-snin l-imgħoddija l-kumitat tal-Banda ħaseb biex jagħmel ikla lill-Bandisti. Din is-sena l-ikla saret nhar is-Sibt, 20 ta' Ottubru fl-Eclipse Restaurant. Kien hemm x'uħud mill-Bandisti li ma attendewx.

F'din l-okkażjoni s-segretarju ppreżenta rigal ċkejken ta' rikonoxximent lill-bandist Paul Pace li kien se jemigra lejn l-Awstralja.

**Intervista għal fuq ir-Radio Awstraljan**

Fl-Lulju s-segretarju tal-Banda għamel intervista għal fuq ir-Radio Awstraljan fejn spjega kemm ilha mwaqfa l-Banda. X'inhuma l-għanijiet tagħha u ħeġġeġ lill-emigranti Xewkin biex ma jinsew qatt il-Banda tar-raħal, il-Banda 'IL-PREKURSUR'

**Żjara fil-Każin**

Fis-7 ta' Awissu ġie fostna l-editur tal-gazzetta Maltija Awstraljana 'The Maltese Herald', is-Sur Lino C. Vella. Huwa ltaqa' ma' xi membri tal-Kumitat u xi emigranti Awstraljani li kienu fostna, huwa ġie ppreżentat bi ktieb ta' l-istorja tal-Banda u l-aħħar recordings tal-marċi tal-festa.

**Radd il-Ħajr**

L-ewwel u qabel kollox niżżuħajr lill Alla ta' l-għajnuna bla qies li tagħna matul din is-sena. Grazzi wkoll lill bandisti li bla ebda nteress personali taw is-sehem tagħhom fis-servizzi li kellha l-Banda tagħna. Lill-kumitat għax-xogħol siewi li wettaq matul is-sena. Grazzi lill Mro. Giużeppi Farrugia li mingħajr l-għajnuna u l-pariri tiegħu ma konniex nimxu l-quddiem.

F'isem il-Kumitat u l-bandisti nixtieq nirringrazzja lil Carmel Portelli ex-Bandist li kien fostna għal vaganzi mill-Amerika ta' l-għotja ta' Klarinett ġdid lill-Banda.

Ħajr ukoll lil George Vella, emigrant Xewki fl-Amerika, li huwa wkoll ir-rappreżentant tal-Banda fl-Amerika, li matul is-sena ġabar u għamel bandiera bl-arma tal-Banda. Din il-bandiera li għandha tkun hawn għal festa ta' San Ġwann li ġejja, nħadmet fl-Amerika stess. Huma bagħtu wkoll cheque ta' $200 bħala għotja lill-Banda. F'isimkom jiena minn qiegħ qalbi nirringrazzjahom.



**Niket**

Inkunu qed nonqsu jekk ma niftakrux fit-telfa ta' xi familjari li ġarbu xi bandisti jew membri tal-kumitat. Aħna rridu naqsmu n-niket li ġarrbu, u bil-qalb nitolbu 'l Alla biex itihom il-mistrieħ ta' dejjem fis-sliem. Niftakru u nitolbu wkoll għas-Soċi u l-benefatturi kollha tagħna.

**Egħluq**

Is-sena li ġejja hija s-sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ u wkoll s-sena tal-Mużika, għalhekk nixtieq inħeġġeġ l-ewwel lilkom Bandisti u Kumitat li tkomplu taħdmu dejjem iżjed u t-tieni ninkuraġġixxu lil iktar żgħażagħ biex jitgħallmu l-Banda, ħalli flimkien inkomplu nsaħħu l-Banda tagħna l-Banda 'IL-PREKURSUR'.

Fl-aħħar nett, filwaqt li sa fejn nafu għamilna kull ma stajna u kull ma dehrilna li kien jinħtieġ isir fl-interess tal-banda, niżżu ħajr lill Alla għal-għajnuna li għoġbu jagħtina fil-qadi ta' dmirijietna u nitolbuh ikompli jieqaf mal-Bandisti, membri tal-Kumitat, Soċi u Benefatturi tagħna u għat-titjib ġenerali fl-arti tal-mużika fix-Xewkija f'din is-sena Internazzjonali tal-Mużika.

## Lista bl-ordni alfabetiku tal-benefatturi li kkontribwew għall-bandiera l-ġdida tal-Każin tal-Banda 'Il-Prekursur'

Attard Mike
Attard Josephine
Attard Josephine
Azzopardi John
Azzopardi Joe
Borg Lina
Borg Mike
Borg Tony
Borg Saviour
Borg Frances
Buttigieg Paul
Buttigieg Rosina
Camilleri Valent
Farrugia Charlie
Farrugia Charlie Jr.
Grima Doris
Grima Paul
Grima John
Haber Carmen
Haber Govanna
Haber Mario
Haber John
Haber Joe
Hili Paul
Magro Peter
Portelli Carmen
Portelli Joe
Saliba Charlie
Saliba John
Spiteri Mario
Spiteri Petist
Spiteri John
Spiteri Mary
Spiteri Dorothy
Vella George
Vella Joe
Vella John
Xiberras John
Xuereb Charlie
Xuereb John
Zammit Joe

Tel: 551166
GOZO ALUMINIUM
GOZO ALUMINIUM LTD.

## Xewkija Tigers F.C.

Matul l-istaġun 1983/84 x-Xewkija Tigers komplew bis-suċċessi li bdew l-istaġun ta qabel anzi żiedu bil-bosta. It-tigers rebħu l-unuri kollha tal-first division flimkien ma league tar-Reserves. Bdejna biex irbaħna l-G.F.A. Cup kontra Nadur Youngsters u komplejna biex irbaħna l-League b'bosta punti vantaġġ. Barra minn dan fl-aħħar ta l-istaġun irbaħna s-Silver Jubilee Cup biex b'hekk kaxkarna kull unur li kien hemm. Barra minn dan waqafna record meta irbaħna l-G.F.A. Cup bla ma sofrejna goal wieħed biss. Jekk il-first division irbaħna dawn l-unuri kollha sħabhom tar-reserves ma qagħdux lura, infatti dawn rebħu l-league tagħhom wara dicider kontra Sannat Lions.

Barra minn dan l-Players tagħna rebħu diversi unuri personali. L-istriker tagħna Mike Hili sar l-aqwa skorer ta' Għawdex. U mbagħad il-goalkeeper tagħna Rosario Xuereb ġie magħżul bħala l-aqwa footballer of the Year ta' Għawdex unur li kien ilna madwar 10 snin ma nirbħu meta Frankie Mizzi kien rebaħ għall-ewwel darba.

Saru diversi ċelebrazzjonijiet biex iffakru dawn l-unuri fosthom marċ brijjuż mill-banda Prekursur, ikla kbira u anke ħriġna ktejjeb flimkien ma logħba friendly kontra Hamrun Spartan ta' Malta.

L-istaġun 1984/85 kien staġun li kien fih minn kollox. Wara illi fil-bidu irbaħna il-G.F.A. Cup bla ma erġajna sofrejna goal għat-tieni sena. Fil-final għelibna lil Għajnsielem 1-0 b'goal ta' M. Bonnici. Iżda dan l-istaġun tlifna il-league wara li nistgħu ngħidu li konna aħna li irbaħna l-akbar numru ta' punti fil-ground. Pero wara li rbaħna l-logħba kontra Nadur Y. tat-tieni round, dawn ta' l-aħħar ipprotestaw għax allegaw li ġraw xi nċidenti bejn is-supporters. Il-kunsill tal-G.F.A. wara li sostna li l-logħba tibqa tgħodd meta ġie biex jara x'passi ser jieħdu kontra Xagħra iddeċieda li jnaqsilna żewġt punti, jimmultana Lm300 u ippoġina taħt probation ta' sena. Aħna għalina din kienet deċiżjoni mill-iżjed ħarxa u għalhekk insostnu li din is-sena l-league mirbuħ fuq il-mejda u mhux fil-ground. Bit-tneħħija ta' dawn il-punti, aħna spiċċajna fit-tieni post punt wieħed taħt iċ-Champions, pero xorta waħda il-player tagħna M. Hili spiċċa top scorer b'seba goals.

Ta min isemmi wkoll li f'Mejju li għadda, lagħbna logħba ta' ħbiberija kontra Wolves ta' l-Ingilterra li tlifna bl-iskor ta' 2-1, wara li J. Spiteri kien poġġa lit-team tagħna min fuq fl-ewwel taqsima.

Ngħalaq billi nappella għal iktar għaqda u sagrifiċċju min kulħadd ħalli nkomplu ngħollu isem ir-raħal tagħna x-Xewkija.



*Xewkija Tigers F.C. qabel il-logħba tagħhom man-Nadur Youngsters. (14 ta' April 1985)*

# iċ-ċentru ħajja u ħidma



## L-ORCO l-Ġgant

### *Suċċess ieħor f'sensiela ta' Operetti fix-Xewkija*

Għal darba 'oħra ġewwa x-Xewkija ġiet imtellgħa Operetta ta' Romolo Corona.

Billi din is-sena hija s-sena Ewropea tal-Mużika ġew mistiedna żewġ kantanti Maltin, it-Tenur Lino Gatt u l-Baritnu Joe Fenech: Żewġ kantanti magħrufin ħafna ġewwa Malta.

L-Operetta bl-isem L'ORCO (il-Ġgant) ġiet imtellgħa b'suċċess kbir fiċ-Ċentru Parrokjali tax-Xewkija nhar it-2, id-9 u l-10 ta' Marzu, 1985.

Numru kbir ta' żgħażagħ u tfal Xewkin ħadu sehem f'din l-Operetta ta' żfin, kant, kulur, mużika u divertiment.










Moda
38, Market Street, Victoria. Gozo. Tel: 556265
LADIES', GENTS & CHILDRENS' OUTERWEAR & UNDERWEAR. ETC...

# DATI STORIĊI XEWKIN 1678 - 1985

*minn Anton Haber*

| | |
|---|---|
| Ix-Xewkija ssir Parroċċa | 1678 |
| Il-Kwadru titulari ta' San Ġwann | 1681 |
| Knisja qadima mkabbra għall-ewwel darba | 1728 |
| Il-Kampnar u l-Qanpiena l-Antika | 1738 |
| Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima - 12 ta' Ottubru | 1755 |
| Il-koppla tal-Knisja l-Qadima | 1830 |
| Kapella tad-Duluri jew Santa Teodora | 1837 |
| L-istatwa Titulari ta' San Ġwann | 1845 |
| L-Arloġġ pubbliku tal-Knisja l-Qadima | 1875 |
| It-tużell tal-Festa | 1880 |
| Knisja l-qadima mkabbra mill-ġdid u l-Faċċata | 1890 |
| Il-Qanpiena l-Kbira | 1893 |
| Il-knisja ċkejkna (kapella) tan-Nazzarenu | 1900 |
| In-Navi tal-Knisja l-Qadima | 1936 - 1938 |
| Il-Knisja l-Ġdida: Rotunda | 1952 - 1970 |
| Konsagrazzjoni Rotunda | 17 ta' Ġunju 1978 |
| Tliet Mitt Sena Parroċċa | 27 ta' Novembru 1978 |
| L-Istatwa Titulari - 140 sena - 22 ta' Ġunju | 1985 |

## *Ingliż jikeb lil Arċipriet dwar Ir-Rotunda tax-Xewkija*

Dewes Sussex,
England.
17 - 11 - 84

*W.Rev. Sinjur,*

*Il-bieraħ fil-għaxija irritornajt lejn dari wara holiday li għamilt f'Malta.*

*Matul il-ħoliday tiegħi, għamilt żjara wkoll lil Għawdex. U kien f'Għawdex li jien kelli l-isbaħ esperjenza. Dan kien meta dħalt fil-Knisja sbejħa tagħkom, ir-Rotunda tax-Xewkija.*

*Għalhekk jiena ħassejt li għandi niktiblek biex ngħidlek li jien dħalt f'ħafna katedrali, knejjes u postijiet sagri matul ħajti, iżda ngħid għalija, ir-Rotunda tax-Xewkija, imlietni b'sens ta' għaġeb u meravilja li jien qatt ma ħassejt bħalu mkien.*

*Fil-Knisja tagħkom ħassejt il-preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu.*

*Jalla l-imħabba u l-għożża, il-kapaċità u s-sengħa li wettaqtu dil-ħolma u għamiltuha realtà, iħallu effett mhux biss fil-ħajja tagħkom li regolarment tidħlu biex titolbu fiha, iżda wkoll iħallu effett fil-ħajja tagħna t-turisti li bħali jiġu sempliċement biex "iħarsu u jistagħġbu".*

*B'dan il-mod, it-talb u x-xogħol tagħkom iservu bħala mezz żgur biex is-***Saltna t'Alla tikber** *fil-qlub ta' dawk l-irġiel u n-nisa li jżuru l-gżira-ħelwa ta' Għawdex.*

*Għoddni tiegħek,*
*R.P. PATTERSON*

***Jekk għandek niesek jew ħbiebek ġejjin mis-safar, u trid issibilhom akkomodazzjoni fejn joqgħodu, anke għal ftit żmien kellem lil:***

**FRANK MAGRO**

'AVE MARIA', MGARR ROAD, XEWKIJA, GOZO. **Tel: 551315**

# KUNSERVA

# VERNON'S





mahduma mid-Ditta

# VERNON FOOD LTD.

Abattoir Square,
Marsa, Malta.

Telex: Valmor MW 1355
Tel: 623691 / 26332




# EMIDIO BEZZINA
## Confectionery

caterers for:

- **WEDDINGS**
- **BAPTISIMS**
- **and all RECEPTIONS**

Confectionery:
19, St. Joseph Street, Victoria.
56, Main Street, Victoria.

Bakery:
6/7, Mons. Luigi Vella Street, Victoria.
Tel. 556326.